

Aġġornament
2010



Ir-Reklutaġġ fl-Ewropa:

gwida għall-impjegati



eures.europa.eu



Il-Kommissjoni Ewropeja

La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas kwalunkwe persuna oħra li taġixxi f'isem il-Kummissjoni mhuma responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

© ritratti: Fotosearch (faċċata), istockphoto.com (pp. 1,2,9), Unjoni Ewropea (pp. 3,5,6,7,11,12)

Għal kull użu jew riproduzzjoni tar-ritratti li mhumiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, għandu jintalab permess direttament mingħand il-proprietarju(i) tad-dritt tal-awtur.

Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib
tweġibiet
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea

Numru tat-telefon ġdid bla ħlas(*):

00 800 6 7 8 9 10 11

(* Ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess għan-numri 00 800 jew inkella dawn it-telefonati jistgħu jkunu bi ħlas.

Haġna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2010

ISBN 978-92-79-15942-8

doi: 10.2767/44400

© L-Unjoni Ewropea, 2010

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissema s-sors oriġinali.

Printed in Belgium

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA MIELSA KOMPLETAMENT MILL-KLORUR ELEMENTARI (TCF)



Agħti vantaġġ Ewropew lin-negozju tiegħek

Il-preparazzjoni tan-negozju tiegħek biex jiffaċċja l-isfidi ta' suq tax-xogħol li qiegħed jinbidel b'pass mgħaġġel hija ingredjent vitali għas-suċċess. Li ssib impjegati li għandhom il-ħiliet u l-kompetenzi tajba biex isaħħu l-kumpanija tiegħek mhuwiex faċli – iżda li tirrekluta madwar l-Ewropa tista' tkun is-soluzzjoni. Din il-gwida sejra tintroduċik għar-reklutaġġ ta' ħaddiema minn barra l-pajjiż u se turik il-passi kollha meħtieġa.

Trid tintroduċi ħiliet u esperjenzi ġodda fuq il-post tax-xogħol tiegħek? Din il-gwida se tintroduċik għar-reklutaġġ fl-Ewropa.



Ir-reklutaġġ minn pajjiż ieħor Ewropew għandu ħafna vantaġġi importanti:

■ **Għażla usa' għalik biex issib il-persuna xierqa għal dak ix-xogħol**

Il-forza tax-xogħol Ewropea tinkludi mijiet ta' eluf ta' ħaddiema ta' ħiliet differenti. Ħaddiema li huma lesti jkunu mobbli, huma mmotivati u jridu jiksbu esperjenza ġdida. Wessa' l-orizzonti tiegħek u żid iċ-ċansijiet tiegħek biex issib il-kandidat ideali.

■ **Introduċi ħiliet u livelli ta' esperjenza ġodda fit-tim tiegħek.**

Il-ħaddiema madwar l-Ewropa jgħibu magħhom ħiliet u kwalifiki ġodda. Flimkien mal-potenzjal għal lingwi ġodda, forza tax-xogħol imħallta se tiffaċilita komunikazzjoni mtejbja u għarfien ikbar tal-ambjenti tax-xogħol f'pajjiżi oħrajn.



Il-benefiċċji ta' suq tax-xogħol Ewropew miftuħ

Il-Prinċipju tal-Moviment Liberu tal-Ħaddiema tal-Unjoni Ewropea jippermetteli li tirrekluta persunal mill-pajjiżi kollha tal-UE, kif ukoll min-Norveġja, l-Islanda u l-Liechtenstein (pajjiżi fiż-ŻEE) u mill-Isvizzera.

Meta ġgħib ħaddiema minn madwar l-Ewropa mhux biss jista' jgħin biex issolvi nuqqasijiet ta' ħiliet għal perjodu ta' żmien qasir, iżda jintroduċi wkoll perspettivi ġodda għall-post tax-xogħol tiegħek. L-istabbiliment ta' suq tax-xogħol Ewropew miftuħ ifisser li l-ħaddiema jistgħu jimxu minn post għall-ieħor b'mod ħieles bejn Stati Membri, bi ftit jew mingħajr ebda restrizzjoni.

Huwa minnu li xi ċittadini Ewropej jista' jkollhom aċċess ristrett għas-suq tax-xogħol Ewropew għal ċertu perjodu: dan jiddependi fuq meta l-pajjiż ikun issieħeb fl-UE. B'mod ġenerali, madankollu, ir-reklutaġġ mill-Ewropa llum sar faċli daqs ir-reklutaġġ domestiku.

Mistoqsijiet ta' malajr ta' min iħaddem

- **Jien qatt ma kkunsidrajt nirrekluta fl-Ewropa. X'inhuma l-benefiċċji għan-negozju tiegħi?** Illum, iktar minn qatt qabel, huwa importanti li min iħaddem iżomm forza tax-xogħol effiċjenti u produttiva. Kultant, il-ħiliet meħtieġa biex tagħmel dan ma jkunux disponibbli mill-ewwel f'pajjiżek. Tim internazzjonali u multikulturali jista' jgħin biex iżid l-effikaċja billi jintroduċi livelli ġodda ta' ħiliet u esperjenza. U r-riċerka wriet li hemm rabta diretta bejn il-mobilità ta' min iħaddem u l-innovazzjoni tal-kumpanija.
- **X'jeħtieġ inkun naf dwar ir-reklutaġġ fl-Ewropa? Kif nibda?** Huwa tassew faċli daqs meta tirrekluta fuq livell domestiku. L-ewwel ħaġa li għandek tagħmel huwa li tidentifika x'ħiliet għandek nieqsa fuq il-post tax-xogħol, u fejn tista' ssibhom. Imbagħad għandek titkellem ma' espert.
- **Lil min nista' nkellem dwar ir-reklutaġġ fl-Ewropa?** Hemm għadd ta' servizzi kemm privati kif ukoll pubbliċi disponibbli biex jiggwidawk matul il-proċess. Fl-EURES, in-Network Ewropew tal-Impjieg, hemm aktar minn 800 Konsulent li jistgħu jagħtuk parir dwar kull aspett tar-reklutaġġ minn barra l-pajjiż. Kompli aqra biex issib eżattament x'inhuwa involut fir-reklutaġġ fl-Ewropa, u kif l-EURES jista' jgħin.

Affarijiet li għandek tikkunsidra qabel tirrekluta minn barra l-pajjiż

Din hija lista ta' xi affarijiet li għandek tikkunsidra qabel tirrekluta minn barra l-pajjiż.

- **X'inti tfittex?** Ħejji profil dettaljat tal-kandidat. X'ħiliet, kompetenzi u kwalifiki speċifiċi qed tfittex? Jekk hemm xi ħiliet li qed tfittex li tintroduċi fil-forza tax-xogħol tiegħek, dan jista' jkollu effett fuq liema pajjiżi jkolluk tiffoka t-ftitxija tiegħek.
- **L-esperjenza tagħhom hija dik li qed tistenna?** Kwalifiki li jistgħu jinstemgħu l-istess jista' jkollhom tifsiriet differenti f'pajjiżi differenti, għalhekk kun ċert li tagħmel xi riċerka ta' sfond dwar il-kwalifiki msemmija.
- **L-aspetti prattiċi u legali.** Jekk titlob lil ħaddiem biex jibda jgħix f'pajjiżek, inti għandek ċertu ammont ta' responsabbiltà lejha. Huwa importanti li l-impjegat jikkonferma il-lingwa ta' pajjiżek? Dan jgħin视角om jintegraw aħjar fl-ambjent il-ġdid tagħhom. Ikkunsidra wkoll aspetti prattiċi bħal jekk is-sigurtà soċjali u l-assigurazzjoni fuq il-ħajja tagħhom jidher ittrasferiti bejn il-pajjiżi, u jekk jeħtiġux permess tax-xogħol.



Min jista' jgħinek tirrekluta minn barra l-pajjiż?

Hemm ħafna servizzi li jistgħu jipprovdulek informazzjoni utli dwar ir-reklutaġġ minn barra l-pajjiż.

■ **In-Netwerk tal-Impjegji tal-EURES** jopera fil-pajjiżi kollha tal-UE / ŻEE kif ukoll fl-Isvizzera u jista' jipprovdulek servizz effiċjenti u professjonali għar-reklutaġġ minn barra l-pajjiż. L-EURES joffri għadd ta' għodod differenti:

- **Il-Portal tal-Mobilità tax-Xogħol tal-EURES.** Dan jipprovdi informazzjoni dwar kandidati madwar 31 pajjiż, jippermettitek li toħloq kont u tfittex persuni li qed ifittxu xogħol, u jagħti dettalji tal-kundizzjonijiet għar-reklutaġġ madwar l-Ewropa. Inti tista' tkun f'kuntatt maċ-Ċentru ta' Kuntatt tal-EURES, il-'one-stop shop' għall-utenti tal-portal li jkollhom diffikultajiet. Għalhekk jekk teħtieġ għajnuna fit-tfittxija għall-kandidati, pereżempju, il-persunal taċ-Ċentru ta' Kuntatt huwa disponibbli, permezz ta' chat istantanju, email, telefown, jew VoIP (Voice over Internet Protocol). Żur <http://eures.europa.eu> għad-dettalji tal-kuntatt.
- **Netwerk ta' Konsulenti tal-EURES.** L-EURES għandu aktar minn 800 Konsulent f'31 pajjiż jaħdmu biex jiprovdu informazzjoni dwar il-mobilità lil min iħaddem. Huma jistgħu jgħinuk issib kandidati potenzjali u jiggwidawk matul il-proċess tar-reklutaġġ, kif ukoll jiprovdulek informazzjoni komprensiva u dettaljata dwar il-mobilità. Huma m'hejjija tajjeb biex iwieġbu mistoqsijiet dwar kwistjonijiet amministrattivi kkumplikati u huma disponibbli biex tikkuntattjahom bit-telfown, email jew permezz ta' laqgħa wiċċ imb wiċċ. Tista' ssib id-dettalji ta'

kuntatt tan-Netwerk tal-EURES fuq il-Portal tal-Mobilità fix-Xogħol tal-EURES – żur <http://eures.europa.eu> biex tiġi f'kuntatt ma' Konsulent tal-EURES qrib tiegħek.

- **L-EURES f'reġjuni transkonfinali.** L-impjegati li jgħixu u jaħdmu f'żewġ pajjiżi differenti jirrappreżentaw l-iktar forma komuni ta' mobilità fix-xogħol. L-EURES jopera f'reġjuni transkonfinali madwar l-Ewropa kollha. Informazzjoni dwar reklutanti transkonfinali hija disponibbli fuq il-portal tal-EURES, u ovvjament mill-Konsulent lokali tal-EURES.
- **Aġenziji privati ta' reklutaġġ.** L-Aġenziji privati tal-impjegji jistgħu jiprovdu fixxa wiesgħa ta' informazzjoni u servizz effiċjenti ta' tqabbil ta' xogħol għal min iħaddem. Il-konsulenti tagħhom jistgħu jiggwidawk matul l-istadji differenti tal-proċess ta' reklutaġġ. Qabel tirreġistra, iċċekkja jekk jitolbux ħlas jew le għas-servizzi tagħhom.
- **Search engines online tal-impjegji.** Għadd ta' *search engines* tal-impjegji jippermettulek li toħloq profil tal-kumpanija, ixxandar postijiet tax-xogħol battala, u tirċievi applikazzjonijiet mill-kandidati. Ħafna drabi, hemm faċilità għal min ikun qed ifittex xogħol biex jimposta s-CV tiegħu, u għalhekk wieħed ikun jista' jarahom liberament. Qabel tirreġistra, iċċekkja jekk hemmx ħlas jew le għas-servizz.

Kif jista' jgħin I-EURES?

Is-servizzi tal-EURES huma disponibbli bla flus għal dawk I-Ewropej kollha li jħaddmu – qabel, matul u wara l-proċess tar-reklutaġġ.

■ Il-Portal tal-Mobilità fix-Xogħol tal-EURES

jospita mijiet ta' eluf ta' profili ta' persuni rreġistrati li jkunu qed ifittxu xogħol. Min iħaddem jista' malajr u faċilment:

- Joħloq kont biex ikun jista' jfittex għal u jaħżen profili ta' kandidati rilevanti;
- Jirreklama post tax-xogħol battal permezz tas-servizz pubbliku tal-impjegi nazzjonali jew permezz ta' Konsulent lokali tal-EURES, reklam li jkun viżibbli għal min ikun qed ifittex xogħol f'31 pajjiż;
- Jirċievi avviżi meta jiġu ppostjati profili li jaqblu ma' post tax-xogħol battal;
- Ifittex informazzjoni dwar reklutaġġ minn pajjiżi madwar I-Ewropa;
- Ifittex għall-Jum Ewropew għall-Impjegi u avvenimenti oħrajn ta' reklutaġġ fir-reġjun tiegħu bl-użu tal-kalendarju tal-Avvenimenti;
- Isib id-dettalji ta' kuntatt tal-Konsulent lokali tal-EURES;
- Jagħmel kuntatt ma' persuni oħrajn li jħaddmu u jagħmel skambju ta' informazzjoni u l-aqwa Prattika għat-tiftix tal-kandidati.

- **Il-Konsulenti tal-EURES** huma professjonisti li inti tista' tikkuntattja għall-informazzjoni fi kwalunkwe stadju tar-reklutaġġ. Il-Konsulenti tal-EURES għandhom ħila speċjalizzata fl-aspetti prattiċi, legali u amministrattivi tal-mobilità fix-xogħol fl-Ewropa. Żur il-portal tal-EURES għal iktar informazzjoni u dettalji ta' kuntatt tal-Konsulent lokali tal-EURES.

■ Il-Konsulenti tal-EURES jistgħu:

- Iżuru l-uffiċċji tiegħek biex ikollhom idea aħjar tal-kandidati li qed tfittex;
- Ipoġġuk f'kuntatt ma' Konsulenti oħrajn tal-EURES madwar I-Ewropa kollha;
- Jirrakkomandaw kandidati fuq il-bażi tal-post tax-xogħol battal jew il-profil tal-kumpanija tiegħek;
- Jgħinuk biex tirreklama post tax-xogħol battal;
- Jinformaw lill-kandidati dwar il-post tax-xogħol battal tiegħek;
- Jagħtuk informazzjoni dwar dak li hu mistenni minnek bħala persuna li qed tħaddem iħaddiem Ewropew;
- Jinformawk dwar fieri tal-impjegi u avvenimenti oħrajn interessanti ta' reklutaġġ.

Avvenimenti tal-EURES

Kull sena, isiru eluf ta' avvenimenti tal-EURES madwar I-Ewropa, l-iktar magħrufa minnhom huma I-Jiem Ewropej tal-Impjegi – I-ambjent ideali għal min iħaddem biex jiltaqa' ma' membri ġodda potenzjali tal-persunal. Minbarra I-Jiem Ewropej tal-Impjegi, I-EURES jospita numru ta' konferenzi, seminars u ġranet għall-informazzjoni ġenerali dwar il-mobilità fejn il-Konsulenti tal-EURES huma disponibbli biex jagħtu parir espert dwar ir-reklutaġġ minn madwar I-Ewropa. I-ċekkja I-kalendarju tal-Avvenimenti fuq il-portal tal-EURES għal iktar informazzjoni dwar avvenimenti fiż-żona tiegħek.

Il-Portal tal-EURES għall-Mobilità tax-Xogħol

Taqsimiet ewlenin

Fuq il-paġna ewlenija għal min iħaddem inti tista' taqra l-passi li għandek tikkunsidra qabel, matul u wara l-proċess tar-reklutaġġ. Tista' taqra wkoll stejjer ta' persuni oħrajn li jħaddmu li diġà impjegaw f'addiemha mobbli.

- 1 Oħloq kont 'EURES Tiegħi':** din tħallik toflok kont personali biex tirċievi s-CVs permezz ta' email, tagħżilhom u torganizzahom, u twieġeb lil kandidati potenzjali.
- 2 Irreklama xogħol:** din tgħidlek kif timposta post tax-xogħol battal fuq il-portal.
- 3 Ikseb għajjuna:** rubrika għal kull min juża l-portal u jkollu diffikultajiet tekniċi. It-tim taċ-Ċentru ta' Kuntatt tal-EURES qiegħed hemm lest biex iwieġeb it-talbiet tiegħek permezz tat-telefown, email, jew VoIP (Voice over Internet Protocol).
- 4 Il-kalendarju tal-Avvenimenti:** dan jurik avvenimenti ta' interess li jkunu sejrjn jiġu organizzati fir-reġjun tiegħek. Żomm id-dettalji ta' fieri tar-reklutaġġ jew ta' sessjonijiet ta' informazzjoni ġenerali dwar il-mobilità ma' Konsulenti tal-EURES.
- 5 Ħajja u xogħol:** din tinkludi informazzjoni Prattika, legali u amministrattiva dwar il-mobilità. Ara t tendenzi kurrenti fis-suq tax-xogħol Ewropew bil-pajjiż, reġjun u settur tal-attività.





6 **Links:** tidirigik għal siti elettroniċi oħrajn li jitrattaw il-mobilità tax-xogħol fl-Ewropa, inkluż Servizzi Pubbliċi nazzjonali għall-Impjegji, kif ukoll firxa ta' pubblikazzjonijiet li jgħinu biex jiggwidawk matul il-proċess tar-reklutaġġ.

Taqsimiet ġodda fil-portal tal-EURES

Fieri Virtwali tal-Impjegji. Fiera tal-Impjegji, iżda virtwali! Inti tiġi nnotifikat dwar il-fiera li jmiss permezz ta' banner fuq il-portal tal-EURES u tkun tista' tara l-preżentazzjonijiet ta' persuni li jħaddmu potenzjali, tissottometti applikazzjonijiet għall-postijiet tax-xogħol battala, u tagħmel appuntamenti biex tkellem lil dawk li se jirreklutaw u lill-Konsulenti tal-EURES.

Taqbala u Mappa. Għodda li awtomatikament tqabbel l-informazzjoni pprovduta f'CV online ta' min qed ifttx ix-xogħol mal-postijiet battala disponibbli. Ir-riżultat tar-riċerka jkun mappa tal-Ewropa, li turi lil min qed ifttx xogħol fejn l-opportunitajiet li qed ifttx.

Qabel u wara r-reklutaġġ minn barra l-pajjiż

Dawn huma xi ftit punti li għandek tiftakar qabel u wara li tirrekluta l-ħaddiema minn madwar l-Ewropa.

Passi li għandek tiegħu qabel il-proċess tar-reklutaġġ

- **Parir u ppjanar.** Ikkuntattja lill-Konsulent lokali tal-EURES tiegħek jew lis-Servizz Pubbliku tal-Impjeggi biex tiddiskuti l-ftiġġijiet ta' reklutaġġ tiegħek, u tiegħu parir. Sib x'inhu involut fir-reklutaġġ ta' ħaddiem Ewropew u kkalkula bir-reqqa l-benefiċċji, ir-riskji u l-ispejjeż.
- **Arranġamenti prattiċi.** Tinsix tikkunsidra l-aspetti prattiċi – inti sejjer tgħin lill-impjegat il-ġdid tiegħek biex isib akkomodazzjoni, jew se tipprovdi parir dwar l-assigurazzjoni fuq is-saħħa u s-sigurtà soċjali? Ftakar ukoll li l-Iliġġijiet nazzjonali dwar ix-xogħol jistgħu jvarjaw minn pajjiż għal ieħor. Iċċekkja jekk l-impjegat il-ġdid tiegħek jehtiegħx permess tax-xogħol, u jekk tridx tgħinu jgħibu.
- **Ir-rikonoxximent tal-kwalifiki.** Inti għandek tiċċekkja jekk tehtiegħx tirreġistra lill-impjegat tiegħek ma' awtorità apposta li tiżgura li l-kwalifiki tiegħu huma rrikonoxxuti, minħabba li dan hu ostaklu komuni li jgħabtu wiċċhom miegħu kemm min iħaddem kif ukoll min qed ifittex xogħol. Il-Konsulent tal-EURES jista' jgħinek tgħaddi mil-legalitajiet u l-aspetti prattiċi. Inti tista' żżur ukoll www.enic-naric.net għal iktar dettalji dwar ir-rikonoxximent internazzjonali ta' kwalifiki akkademiċi u professjonali.

Ftakar... il-prassi ta' reklutaġġ ivarjaw minn pajjiż għal ieħor, kif iseħħ fil-każ tal-formalitajiet bejn min iħaddem u l-applikanti. Kun konxju

tal-possibilità ta' differenzi kulturali meta tiltaqa' ma' impjegati potenzjali u ibqa' ffukat fuq il-ħiliet u l-esperjenza tagħhom.

Passi li għandek tiegħu wara l-proċess ta' reklutaġġ

- **Integrazzjoni tal-ħaddiema.** Il-ħaddiema jistgħu jħossuhom miġxla u anzjużi f'pajjiż ġdid u għalhekk, pakkett ta' introduzzjoni (welcome pack) jista' jgħin biex jiffaċilita t-tranżizzjoni. Tista' tħejji xi ftit informazzjoni fuq iż-żona – bħal pereżempju mappa bl-għażliet tat-trasport lokali, direzzjonijiet għall-post tax-xogħol u dettalji ta' faċilitajiet fil-qrib bħal ristoranti, libreriji pubbliċi u ċentri mediċi.
- **Kwistjonijiet legali u amministrattivi.** L-impjegati li jehtiegħu jirreġistraw mal-awtoritajiet lokali jistgħu jkunu jehtiegħu xi ħin barra mix-xogħol. Ikkonċedi l-ħin mehtiegħ biex l-impjegat japplika għal numru tas-sigurtà soċjali, jikseb karta tal-identità, jew jikseb assigurazzjoni nazzjonali tas-saħħa.
- **Familja u akkomodazzjoni.** Ikkonċedi ż-żmien mehtiegħ biex l-impjegat u familta jew familtha jissettilljaw f'pajjiżek, u żomm f'moħħok li dan jista' jkun jehtiegħ iż-żmien sabiex ifttx skejjel u akkomodazzjoni.
- **Involvi lill-ħaddiema residenti.** Inti trid li l-impjegati preżenti jsiru jafu lill-ħaddiema l-ġodda, għalhekk tkun idea tajba li tagħtihom aġġornamenti dwar il-proċess tar-reklutaġġ. Forsi avveniment soċjali jista' jgħin lin-nies biex isiru jafu lil xulxin.



Ħaddiema ppostjati

Ħaddiem ippostjat huwa xi ħadd li jqatta' żmien limitat jaħdem barra mill-Istat Membru fejn jaħdem normalment, tipikament fuq talba ta' min iħaddmu. Il-ħaddiema ppostjati ġeneralment jinsabu fis-setturi tal-kostruzzjoni, trasport, telekomunikazzjonijiet, divertiment, u manutenzjoni.

Jekk l-organizzazzjoni tiegħek teħtieġ tippostja ħaddiema fi Stat Membru ieħor inti teħtieġ tiffamiljarizza ruġek mar-regoli u l-proċeduri involuti.

Id-drittijiet u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema ppostjati għandhom ikunu protetti madwar l-Ewropa u għalhekk kien stabbilit sett ta' regoli bażiċi mill-Unjoni Ewropea.

Id-Direttiva tal-UE dwar l-Ippostjar tal-Ħaddiema hija intenzjonata sabiex tiggarantixxi lill-ħaddiema ppostjati l-istess termini u kundizzjonijiet tax-xogħol bħal ta' ħaddiema oħra fil-pajjiż tal-UE jew taż-ŻEE fejn isir ix-xogħol. Ir-regoli jkopru għadd ta' kwistjonijiet, minn perjodi massimi ta' xogħol, għall-minimu ta' leave annwali mħallas, għas-saħħa u s-sigurtà. Inti tista' taqra iktar dwar id-Direttiva dwar l-Ippostjar tal-Ħaddiema fuq is-sit elettroniku tad-Direttorat-Ġenerali tal-Impjiegi, Affarjiet Soċjali u Opportunitajiet Indaq.

Huwa wkoll importanti li tiftakar li:

- Fejn Stat Membru għandu ċerti termini u kundizzjonijiet minimi ta' xogħol, bħal salarji u benefiċċji, dawn għandhom japplikaw għal kwalunkwe ħaddiem ippostjat f'dak il-pajjiż;
- Inti għandek tibqa' f'kuntatt mal-ħaddiem tiegħek matul l-ippostjar tiegħu jew tagħha.

Tista' ssib iktar informazzjoni fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol applikabbli għall-ħaddiema ppostjati billi żżur is-sit elettroniku tal-Eurofound, il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, fuq www.eurofound.europa.eu. Inti tista' tkellem ukoll lill-Konsulent lokali tal-EURES.

Ħaddiema transkonfinali

Suq tax-xogħol transkonfinali huwa qasam li fih il-ħaddiema li jgħixu f'pajjiż wieħed ħafna drabi jivvjaġġaw ta' kuljum jew darba fil-gimġha biex imorru jaħdmu f'pajjiż ġar. Dan l-arranġament huwa popolari madwar l-Ewropa; iktar minn 600 000 ruħ joqogħdu f'pajjiż Ewropew wieħed u jaħdmu f'ieħor.

Hemm ħafna vantaġġi li tkun persuna li tħaddem f'reġjun transkonfinali:

- **Il-firxa tiegħek ta' kandidati potenzjali hija rduppjata;**
- **Il-forza tax-xogħol tiegħek hija varja, b'firxa ta' lingwi, ħiliet, u kompetenzi;**
- **Il-piż finanzarju tiegħek jista' jittaffa.**

Ovvjament, il-qsim tal-fruntieri ma jiġix mingħajr xi proċeduri amministrattivi, u hemm firxa ta' servizzi li jgħinu lil min iħaddem fuq kwistjonijiet bħat-taxxa, is-sigurtà soċjali u l-benefiċċji tal-familja.

L-EURES jopera f'aktar minn 20 sħubija transkonfinali madwar iktar minn 13-il pajjiż. Biex jilħqu l-ħtieġa għal informazzjoni u koordinazzjoni bejn il-pajjiżi, is-sħubijiet transkonfinali tal-EURES ilaqqgħu flimkien servizzi pubbliċi tal-impjegi u servizzi ta' taħriġ vokazzjonali, organizzazzjonijiet tat-trejd junjins, awtoritajiet lokali u istituzzjonijiet oħrajn li jindirizzaw ix-xogħol u t-taħriġ.


F'reġjuni transkonfinali, l-EURES huwa disponibbli biex:

- **Iqabbel lil min iħaddem ma' min qed ifttx xogħol;**
- **Jipprovdi informazzjoni fuq l-aspetti prattiċi legali u amministrattivi tar-reklutaġġ tal-ħaddiema residenti fi Stat Membru ieħor;**
- **Jagħmel monitoraġġ tas-swieq tax-xogħol fiż-żewġ pajjiżi, u għalhekk jipprovdi informazzjoni aġġornata dwar l-impjegati lil min iħaddem.**

Reklutaġġ bejn il-fruntieri

Risch Electro-Telecom, ibbażata fi Triesen, il-Liechtenstein, hija organizzazzjoni kbira li tittratta l-ippjanar, l-installazzjoni u l-manutenzjoni ta' sistemi u komponenti elettriċi. Hija timpjega madwar 85 membru tal-persunal, li 10-12 minnhom huma ħaddiema transkonfinali li jiġu mir-reġjun Awstrijak ta' Vorarlberg u mill-Ġermanja ta' Isfel, li normalment jivvjaġġaw madwar 30 minuta kull naħa. Is-Sur Bruno Risch, is-sid tal-kumpanija, jikkuntattja lill-EURES Liechtenstein kull meta jħoss il-ħtieġa ta' iktar persunal li ma jkunx jista' jsib f'pajjiżu. Il-proċess huwa wieħed informali: Is-Sur Risch jiddeskrivi l-profil tal-impjegati li qed ifttx lill-Konsulent tal-EURES u f'it wara huwa jirċievi għadd ta' CVs: "Il-proċess tar-reklutaġġ mhux burokratiku u naf li l-EURES jista' jsibli l-kandidati. Li timpjega ħaddiema transkonfinali f'dan ir-reġjun hija ħaġa faċli għax m'hawnx barrieri tal-lingwa."

Fejn tista' ssib lill-EURES madwar l-Ewropa?



■ Pajjiżi tal-UE: L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Isvezja, ir-Renju Unit

■ Il-pajjiżi taż-ŻEE: EU-27 + in-Norveġja, l-Islanda, il-Liechtenstein

■ L-Isvizzera

■ L-EURES f'reġjuni transkonfinali

**Inti qed tfttex l-egreb Konsulent tal-EURES?
Żur <http://eures.europa.eu>**



Il-valur miżjud tal-EURES

dibattiti fil-qasam tal-mobilità fix-xogħol fl-Ewropa. Il-parteċipanti jistgħu jiddiskutu l-pjanijiet tagħhom u jressqu l-mistoqsijiet tagħhom lil firxa ta' esperti, fosthom, ovvjament, il-Konsulenti tal-EURES. Huwa mistenni li f'dawn l-avvenimenti jkun hemm xi ħaġa utli għal kull persuna li tħaddem interessata li timpjega lil xi ħadd minn barra l-pajjiż. Iċċekkja l-Kalendarju tal-Avvenimenti fuq il-portal tal-EURES għad-dettalji dwar avvenimenti li sejr in isiru qrib tiegħek.

Servizz professjonali u mfassal għall-ħtiġijiet tiegħek

L-EURES huwa servizz li joffri pariri professjonali dwar ir-reklutaġġ lil persuni li jħaddmu Ewropej. It-800 Konsulent tal-EURES madwar 31 pajjiż għandhom għarfien speċjalizzat fl-aspetti prattiċi, legali u amministrattivi tar-reklutaġġ minn barra l-pajjiż u jistgħu jipprovdu servizz infassal skont il-ħtiġijiet tiegħek ibbażat fuq il-profil tal-kumpanija u r-rekwiżiti tal-kandidati. Kulma għandek tagħmel huwa li żżur il-portal tal-EURES għad-dettalji tal-kuntatt tal-Konsulent lokali tiegħek tal-EURES.

Jiem Ewropej tal-Impjegi

Mill-2005 'l hawn, il-Kummissjoni Ewropea u l-EURES ikkooperaw flimkien ma' firxa ta' atturi interessati fil-mobilità fix-xogħol biex jorganizzaw il-Jiem Ewropej tal-Impjegi. Matul l-ewwel staġun tal-Jum Ewropew tal-Impjegi f'Settembru 2006, 500 avveniment f'iktar minn 300 belt Ewropea ġibdu eluf ta' persuni jfittxu xogħol u persuni li jħaddmu. Is-suċċess ta' dawn l-ewwel avvenimenti wassal lill-Kummissjoni Ewropea biex tiddeċiedi li tospita dawn l-avvenimenti kull Settembru, b'serje ta' avvenimenti iżgħar kull rebbiegħa.

Il-Jum Ewropew tal-Impjegi jipprovdi punt biex min iħaddem jiltaqa' mal-persuni li jkunu qed ifittxu xogħol, kif ukoll workshops, seminars, u

Il-Konsulenti tal-EURES – lesti jagħmlu dak il-pass żejjed għalik

Persuni li jħaddmu fil-qasam agrikolu fid-Danimarka ħafna drabi jkunu jeħtieġu sa 200 ħaddiem staġjonali kull sena u l-EURES jista' jgħin billi jpoġġi lil min iħaddem u lill-ħaddiema potenzjali f'kuntatt flimkien. Fl-2009, Konsulenti Daniżi tal-EURES riedu jippruvaw xi ħaġa ġdida u ddeċidew li jipparteċipaw fil-wirja annwali tal-baqar f'Odense li tiġbed persuni li jħaddmu u persuni li qed ifittxu xogħol fis-settur agrikolu minn kullimkien. Il-Konsulent Daniż tal-EURES, Jørgen Uldall-Ekman iddeċieda li baqra tal-EURES kienet dik il-ħaġa li tiġbed l-attenzjoni tan-nies.

Wara vjaġġ ta' 50 kilometru, Jørgen u l-kollega tiegħu akkwistaw baqra ħamra magħmula mill-fajber tal-hoġieġ, u kebbewha f'kutra speċjali tal-EURES. Din il-baqra kienet suċċess kbir – saru madwar 25 kuntatt ġdid minn persuni li jħaddmu. Kif qal Jørgen, 'Huwa importanti ħafna għall-EURES li jżomm kooperazzjoni mill-qrib ma' min iħaddem. Aħna rridu nġibu nies ikkwalfikati lejn id-Danimarka u rridu nġiddu lil min iħaddem dwar il-benefiċċji tar-reklutaġġ minn barra l-pajjiż u għalhekk aħna kuntenti li nagħmlu dan bi kreattività.'



Min iħaddem

“gem’tappoġġja 29 lingwa differenti madwar il-baġi globali ta’ klijenti tagħna li tinkludi lill-Microsoft, Clearwire, Cisco, Electronic Arts u King.com. Il-Konsulenti tal-EURES jagħtuna għajruna kbira biex insibu impjegati b’ħiliet lingwistiċi speċifiċi.”

Marcella McKeever, Kap tar-Reklutaġġ, gem, Belfast, Irlanda ta’ Fuq

Impjegat

‘Student tal-mediċina m’għandux ħafna ħin biex jikseb esperjenza barra mill-pajjiż iżda l-EURES tani l-opportunità li nwettaq il-ħolma tiegħi. Grazzi għall-*internship* tiegħi fir-Renju Unit, jien mhux biss tejjibt l-Ingliż tiegħi u tgħallimt dwar is-sistema medika Ingliża, iżda ltqajt ukoll ma’ nies meraviljużi li għenuni nħossni komda.’

Laura Zanisi, studenta tal-Mediċina, Italja

Il-Kummissjoni Ewropea.

Ir-Reklutaġġ fl-Ewropa – gwida għal min iħaddem

Il-Lussemburg: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2010 - 13 pp. – 14,8 × 21 cm

ISBN 978-92-79-15942-8

doi: 10.2767/44400

Din il-pubblikazzjoni hi disponibbli f’format stampat fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE kif ukoll bl-Islandiż u bin-Norveġiż.

Jinteressaw **il-pubblikazzjonijiet** tad-Direttorat
Ġenerali għall-Impjegi, l-Affarijiet Soċjali u
l-Opportunitajiet Indaq?

Jekk iva, tista' tniżżilhom mill-Internet jew tabbona
għalihom bla ħlas minn

<http://ec.europa.eu/social/publications>

Nistidnuk ukoll li tinkiteb sabiex tibda tirċievi
n-newsletter elettronika Social Europe tal-
Kummissjoni Ewropea bla ħlas fuq

<http://ec.europa.eu/social/e-newsletter>



www.facebook.com/euresjobs
www.facebook.com/social europe

<http://eures.europa.eu>

<http://ec.europa.eu/social>



Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-927135942-8



9 789279 1159428